VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,007, 21 ta' Diċembru, 2012
Taqsima B

A.L. 469 tal-2012

ATT DWAR IX-XANDIR
(KAP. 350)

Ordni tal-2012 dwar in-Notifika ta' Servizzi ta' Mezzi Awdjoviżivi li jsiru b'Talba

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 16O(2) tal-Att dwar-ix-Xandir, l-Awtorità tax-Xandir għamlet dan l-Ordni, li jirregola n-Notifika ta' Servizzi ta' Mezzi Awdjoviżivi li jsiru b'Talba, li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2012 dwar in-Notifika ta' Servizzi ta' Mezzi Awdjoviżivi li jsiru b'Talba.

Notifika ta' servizzi ta' mezzi awdjoviżivi li jsiru b'talba.

2. (1) Notifika li ssir minn persuna li tkun bi ħsiebha tipprovdi xi servizz ta' mezzi awdjoviżivi li jsiru b'talba għandha ssir bil-miktub fl-għamla ta' ittra.

(2) Dik in-notifika għandha tkun indirizzata liċ-*Chairman* tal-Awtorità tax-Xandir.

(3) Dik in-notifika għandu jkun fiha din l-informazzjoni li ġejja:

(a) fil-każ ta' persuna naturali:

(i) l-isem, kunjom u indirizz;

(ii) numru tal-karta tal-identità, numru tal-passaport jew dettalji ta' kull dokument ieħor ta' identifikazzjoni hekk kif dan jista' jkun aċċettat mill-Awtorità tax-Xandir;

(b) fil-każ ta' persuna ġuridika, l-isem u l-indirizz tal-kumpannija u tal-uffiċċju reġistrat.

(4) Dik il-persuna, kemm jekk naturali jew ġuridika, għandha tipprovdi lill-Awtorità tax-Xandir:

(a) isem u l-kunjom tal-editur reġistrat kif hemm fl-Att dwar l-Istampa; Kap. 248.

(b) in-numru tat-telefon ċellulari tiegħu;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ċ) in-numru tat-telefon fiss tiegħu;

(d) l-indirizz *e-mail* tiegħu.

Konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar ix-Xandir. Kap. 350.

3. Provditur ta' servizzi ta' mezzi awdjoviżivi li jsiru b'talba għandu jikkonforma ruħu mad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar ix-Xandir u ma' kull leġislazzjoni sussidjarja magħmula taħt l-Att li tkun tapplika għalihom u għandu partikolarment jiżgura li jkunu qegħdin iseħħu miżuri adegwati biex il-minuri ma jkollhomx aċċess għal kontenut li jista' serjament jippreġudika l-iżvilupp fiżiku, mentali jew morali tagħhom.

Inkoraġġiment ta' xogħlijiet Ewropej.

4. Provditur ta' servizzi ta' mezzi awdjoviżivi li jsiru b'talba għandu jinkoraġġixxi l-promozzjoni ta' xogħlijiet Ewropej u programmar li jkun kulturalment differenti. Għandu jkun hemm disponibbli minimu ta' 10% ta' xogħlijiet Ewropej fl-ewwel sentejn tal-operat tas-servizz provdut li jitla' għal 15% fit-tielet sena.